**1 ta' Settembru, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**
**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**
**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Annunziato Camilleri pro et noe

*versus*

Avukat Dottor Gerald Montanaro Gauci noe

**Perit ġudizzjarju — Tekniku — *Imparzjalità ta'* — Kompetenza ta'**

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attur proprio et nomine — wara li ppremetta illi d-ditta konvenuta, bl-iskrittura tas-sittax (16) ta' Marzu, 1962, intrabtet u obbligat ruħha li tibgħatlu l-"parts" tal-magni ossia karrozza f'dika l-iskrittura ndikati; u li meta waslu f'Malta l-imsemmija parts u hu fetaħ il-kaxxa li kienu fiha, ġie konstatat li d-ditta konvenuta ma bagħtitx il-"parts" kollha li kellha tibgħat u ġie konstatat ukoll li l-parts li ditta bagħtet, in parti ma kienux skond il-ftehim u in parti kienu ħżiena u difettużi, tant li hu irrifjutahom; u li mħabba l-imsemmi nuqqas tad-ditta konvenuta, hu sofra danni kif jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża — danni li għad ma ġewx imħallsa lilu nonostanti l-protest tat-12 ta' Frar, 1963, u l-Mandat ta' Sekwestru tal-4 ta' April, 1963 — talab li l-konvenut nomine, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi

kundannat iħallas, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija lilu proprio et nomine dika s-somma li tiġi ilkwidata mill-Qorti lilu dovuta bħala danni li huwa sofra mħabba li d-ditta konvenuta naqset li tibgħatlu l-"parts" kollha li kellha tibgħatlu skond l-imsemmija skrittura tas-16 ta' Marzu, 1962 (Dok. "A" fuq imsemmi), u mħabba li l-parts li l-istess ditta bagħtet, in parti ma kienux skond il-ftehim u in parti kienu ħżiena u difettużi, bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' Frar, 1963, u tal-Mandat ta' Sekwestru tal-4 ta' April, 1963;

Omissis.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Marzu, 1967 li biha prevja adozjoni tar-rapport peritali, salvo l-modifika żgħira imsemmija fis-sentenza iddeċidiet billi kkundannat lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma likwidata ta' disgħa u tmenin lira (£98.0.0.) u bl-ispejjeż. Ordnat li jifformaw parti integrali mid-deċiżjoni dik il-parti tar-rapport peritali li tibda mit-tieni paragrafu tal-paġina sitta tar-rapport (fol. 28 tal-proċess) sal-aħħar paragrafu tal-paġina sebgħa (eskluż l-aħħar paragrafu), u l-aħħar paragrafu tal-paġina tmienja sal-aħħar talpaġina disgħa (fol. 30/31 tal-proċess), wara li kkunsidrat —

Omissis.

Rat in-nota ta' l-appell tal-Avukat Dottor Gerald Montanaro Gauci nomine u l-petizzjoni tiegħu li biha talab illi s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerċ tiġi revokata u t-talbiet ta' l-attur jiġu miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u jistħoqqilha konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Kif l-appellant jistqarr fil-petizzjoni ta' l-appell, l-ilment prinċipali tiegħu kontra s-sentenza appellata hu li l-ewwel Onorabbli Qorti adottat il-konklużjoni tal-perit ġudizzjarju dwar l-istima ta' l-oġġetti in kwistjoni. Difatti fil-petizzjoni jingħad: "Hija preċiżament l-adozjoni mill-ewwel Qorti tal-konklużjoni peritali dwar il-valutazzjoni tal-partijiet li minnha l-appellant qiegħed jireklama u li tifforma l-motiv prinċipali ta' l-appell li qed iressaq".

Iżda barra milli jimpunja l-istima fiha nnifisha magħmula mill-perit ġudizzjarju, — li hu jikkunsidra eżaġerata bilbosta, — l-appellant jimpunja wkoll, oltre l-kompetenza, anki l-imparzjalità ta' l-istess perit. Il-Qorti tikkonfessa mill-ewwel illi dan l-aħħar ilment ta' l-appellant ipperturbaha mhux ftit. Kif ġa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti huwa essenzjali li, bħala periti ġudizzjarji, jiġu nominati persuni li dwar l-integrità tagħhom ma tista' tiġi mitfugħa ebda ombra: u dak li jgħodd għall-integrità jgħoddu ukoll għall-imparzjalità. Kif ġie ripetut kemm-il darba hu essenzjali li mhux biss issir ġustizzja imma ukoll li jidher illi l-ġustizzja qed issir skond il-liġi. Issa jidher illi l-perit tekniku nominat mill-ewwel Onorabbli Qorti f'dan il-każ, kellu, fiż-żmien tan-nomina tiegħu u fil-kors ta' l-esplikament ta' l-inkarigu affidat lilu mill-Qorti, relazzjoni ta' debitu mad-ditta appellanti u xi kwistjoni dwar merkanzija li hu kien xtara minn għandha u kien sommament desiderabbli li hu jirrivela din ir-relazzjoni tiegħu jew ma jaċċettax l-inkarigu.

Iżda wara li ħasbet ħafna, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni illi l-fatt hawn fuq imsemmi ma għandux jaffettwa l-eżitu tal-kawża. Kif jidher mid-degriet tan-nomina Joseph Abela ġie nominat bħala perit tekniku bħala l-persuna proposta miż-żewġ partijiet (art. 646 tal-Kodiċi ta' Org. u Proċ. Ċiv.). Dottor Montanaro Gauci, fil-petizzjoni ta' l-appell jgħid illi dak iż-żmien li hu, f'isem id-ditta appellanti, aderixxa għal

dik in-nomina, ma kellu ebda ħjiel li *kienu* jeżistu dawk ir-rapporti ta' negozju bejn dik id-ditta u Joseph Abela, u li la fl-okkażjoni tan-*nomina* u lanqas sussegwentement ma kkonsulta lil dik id-ditta dwar in-nomina. L-aħħar parti ta' din l-asserzjoni ma *tidhirx* għal kollox eżatta. In-*nomina* ta' Joseph Abela saret fl-14 ta' Novembru, 1963. Fl-ittra tiegħu datata 27 ta' Marzu 1964 li tagħha hemm kopja Dr. Montanaro Gauci nforma lid-ditta appellanti b'dik in-nomina u semma l-isem ta' Joseph Abela bħala li kien ġie nominat perit. Dan Joseph Abela kien bniedem li jidher li kien konoxxut sewwa mid-ditta appellanti. Intant l-inkarigu tiegħu bħala perit kien għadu miexi meta d-ditta ġiet b'dik l-ittra nformata bin-nomina u, nonostanti illi dan l-*inkarigu* baqa' miexi sakemm ir-rapport tal-perit ġie ippreżentat fis-16 ta' Novembru, 1964, dik id-ditta ma qanqlet ebda kwistjoni dwar in-*nomina*. Dak kien iż-żmien li fih id-ditta appellanti messha, jekk riedet, tobbjetta għan-nomina. Il-liġi *fl-artikolu* 653 et see ta' l-*imsemmi* Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tipprovdi għar-rikuża ta' periti għal raġuni sopravvenuta jew skoperta wara n-nomina u sakemm ir-rapport tagħhom ikun għad ma ġiex preżentat.

Apparti minn dan, din il-Qorti ma jidhriliex li jirriżulta b'xi mod illi kien hemm jew sata' verosimilment kien hemm f'Joseph Abela xi animu ostili għad-ditta appellanti minħabba l-imsemmija *relazzjonijiet* li hu kellu magħha. L-ittra miktuba lid-ditta minn Joseph Abela fl-21 ta' Marzu, 1965 — ċioè diversi xhur wara li r-rapport tal-periti kien ġie ġa preżentat — ma turi ebda animu simili.

Kwantu għall-kompetenza ta' Joseph Abela din il-Qorti ma jidhriliex li huma ġustifikati l-ilmenti ta' l-appellanti. Hu jidher li hu bniedem tal-mestier. *Fi* kwalunkwe każ ġa ntqal illi hu gie nominat fuq proposta taż-żewġ partijiet u kien dmir ta' Dottor Montanaro Gauci, rappreżentant tad-ditta appellanti li jinvestiga dwar il-kompetenza u l-kwalifika ta' Joseph Abe-

ta, anki jekk ismu ġie inizjalment imsemmi mill-appellat, qabel jassoċja ruħu man-nomina tiegħu jekk ried li joġġezzjona għalih fuq dik il-bażi.

Imma oltre dan, din kienet relativament għall-inkarigu mogħti lil Joseph Abela, perizja teknika. Issa in kwantu l-appellant deherlu illi l-opinjoni espressa fir-rapport mill-perit ma kienitx sewwa, għax inkompetenti jew żbaljata, u/jew għax oġġettivament inġusta, hu sata' jimpunja dik l-opinjoni billi kif osservat l-ewwel Onorabbli Qorti — jitlob in-nomina ta' periti addizzjonali. Hu veru dak li jingħad fil-petizzjoni ta' l-appell ċioè illi l-perizja perizjuri ma hix l-uniku mod kif parti tista' tikkumbatti rapport avvers għal-teżi tagħha: u li l-parti tista', jekk hekk tgħażel tagħmel sottomissjonijiet quddiem il-Qorti u jekk tingħata l-permess anke tressaq provi oħra minflok titlob in-nomina ta' periti oħra, biex tikkumbatti, rapport kontra tagħha. Iżda, trattandosi ta' opinjoni teknika ċertament in-nomina ta' periti perizjuri hi l-mod normali u l-aktar effikaċi ta' impunjazzjoni ta' l-opinjoni ta' l-ewwel espert.

Kull ma għamel l-appellant fil-każ preżenti hu illi, wara l-perizja, hu offra x-xhieda ta' G.R. Irani, proprjetarju taddittà appellanti. L-ammissjoni ta' dan ix-xhud kienet konċessjoni magħmula lill-appellant mill-ewwel Onorabbli Qorti, skond l-artikolu 679 ta' l-imsemmi Kodiċi, meta l-periti jkunu ġew awtorizzati li jirċievu dokumenti u jisimgħu xhieda — kif il-periti ġew awtorizzati fil-każ preżenti — ma jistgħux jinġiebu quddiem il-Qorti dokumenti ġodda jew xhieda oħra dwar l-oġġetti tal-perizja ħlief fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (e) ta' l-artikolu 149 u fil-paragrafi (a), (b) u (d) ta' l-art. 206. Quddiem il-periti, l-appellant ma ressaq ebda provi jew xhieda: l-ewwel Onorabbli Qorti, però, ippermettiet li jinstama l-imsemmi Irani permezz ta' rogatorji.

L-ewwel Onorabbli Qorti ippreferiet l-opinjoni tal-perit,

bażata għal dik li kienet il-ħsara fl-oġġetti u n-nuqqas fihom fuq konstatazzjoni "de visu" ta' l-istat tagħhom magħmula mill-periti fl-aċċess li huma żammu, u ibbażata wkoll fuq ix-xhieda ta' l-appellat, għax-xhieda ta' l-imsemmi Irani. S'intendi l-ittra fol. 58, mibgħuta mid-ditta appellanti lil Dr Montanaro Gauci u l-ittra eżibita minn Irani fol. 90 m'humiex provi.

Fil-kors ta' l-appell din il-Qorti tat kull opportunità lill-appellant biex jipproduċi provi oħra kontra l-opinjoni espressi fil-perizja: iżda hu ma għamilx ħlief, fl-aħħar seduta, eżibix-xa d-dokumenti inseriti fin-nota tiegħu tad-9 ta' Ġunju, 1967 u m'humiex konfermati bil-ġurament ta' ħadd u m'humiex provi.

Din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha provi biżżejjed quddiemha, biex setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet fihom sija dwar in-nuqqas da parti tad-ditta appellanti li tiddisimpenja l-obbligazzjoni assunta minnha bl-iskrittura tat-transazzjoni tas-16 ta' Marzu, 1962 (fol. 5 kemm dwar l-ammont tad-danni sofferti mill-appellat u li għandhom jiġu riżarċiti lilu. Għad illi d-ditta appellanti tippretendi illi l-valur tal-parts li kellha tibgħat lill-appellat hu bil-bosta inqas minn dak li ġew stmati mill-ewwel Onorabbli Qorti hi qatt ma offriet, fil-kors kollu tal-kawża u sa minn meta l-appellat jidher li ipprotesta l-ewwel darba fit-12 ta' Frar, 1963 dwar il-parts riċevuti, parts oħra f'kondizzjoni tajba, anki jekk second hand, kif kienet obbligata, flok tħallas id-danni. L-appellat xehed illi kieku din l-offerta għas-sostituzzjoni tal-parts mibgħuta b'parts oħra, kellha ssir mid-ditta appellanti llum, dawn ma jkunu ta' ebda utilità għalih għax is-suq għalihom spiċċa: iżda kieku din l-offerta saret fi żmien utili, l-appellat ma kienx ikollu dritt jirrifjutha u d-ditta appellanti kienet — jekk hu veru dak li qed issostni dwar il-valur — tkun ħelset wisq orħos.

Imma t-teżi tad-ditta appellanti dwar il-valur tidher, fil-*fehma* tal-Qorti fatalment, *skreditata* mid-dikjarazzjoni *li hi* stess għamlet fil-fattura. F'dik il-fattura, li ma kienitx tkopri l-oġġetti kollha li d-ditta appellanti kienet obbligata li tibgħat lill-*appellat* skond l-iskrittura tat-*transazzjoni* fol. (5) — l-oġġetti fatturati ġew stmati £70.0.0. Waqt it-trattazzjoni ta' l-appell, Dottor Montanaro *Gauci* ssuġġerixxa illi ma għandhiex tingħata *importanza* għal dik id-dikjarazzjoni ta' valur għaliex dik id-dikjarazzjoni saret hekk biss għall-finijiet tad-dazju. Il-*Qorti* ssib diffikoltà ssegwi *dan* ir-raġonament; għall-finijiet tad-dazju talvolta sata' kien hemm raġuni biex il-valur jiġi dikjarat anqas u mhux iżjed min dak reali, fin-nuqqas ta' ebda spjegazzjoni oħra da parti tad-ditta *appellanti*.

Għal dawn il-motivi *din* il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza *appellata* bl-ispejjeż kontra l-appellant nomine.